# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 82**

**Rikors numru 87/15/1 CFS**

**AIC David Xuereb f'isem u in rappreżentanza tad-ditta David Xuereb & Associates**

**v.**

**(1) Tom Jansen u**

**(2) Aviation Cosmetics Malta Limited**

**(3) Aviation Cosmetics B.V., soċjetà kummerċjali reġistrata l-Olanda**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar: (i) appell imressaq mill-konvenuti, kif ukoll,

(ii) appell inċidentali mressaq mill-attur *nomine*, kontra s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2022, fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, bil-konsegwenza li laqgħat it-talbiet kollha tal-attur *nomine*.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Jannar, 2015, l-attur fisser li wara l-iffirmar ta' *letter of engagement* mill-konvenut Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012, l-attur beda jrendilu servizz professjonali fir-rigward ta' bini ta' *hangar* u faċilitajiet oħra f'*Safi Aviation Park*. Jingħad illi għal dan is-servizz, il-konvenuti dejjem urew sodisfazzjon, kienu kuntenti bil-livell għoli ta' servizz u qas qatt ma kkontestaw ix-xogħolijiet jew il-ħlasijiet mitluba. Sakemm darba fost l-oħrajn, il-konvenuti jew min minnhom, abbandunaw lill-attur u ngaġġaw is-servizzi professjonali ta' terzi, bil-konsegwenza li l-konvenuti bdew joġġezzjonaw il-*quantum* tal-ħlas dovut lill-attur għas-servizzi tiegħu. Minkejja l-wegħdiet ta' ħlas, kif ukoll in-numru ta' interpellazzjonijiet għall-ħlas, il-konvenuti baqgħu ma ħallsux l-ammont pretiż mill-attur *nomine*.

3. Minħabba f'hekk, l-attur *nomine* fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

*«i. Tiddikjara li r-rikorrent rrenda s-servizzi professjonali lill-intimati skont il-ftehim ta' bejn l-istess kontendenti u konsegwentement tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huwa obbligat iħallas għas-servizzi professjonali hekk reżi;*

*ii. Tillikwida, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' perit komputista/tekniku, dik is-somma li hija dovuta lir-rikorrenti in linea ta' drittijiet professjonali għas-servizzi hekk reżi u in linea ukoll mal-ftehim iffirmat;*

*iii. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lirrikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista' tispetta lir-rikorrenti.»*

4. Il-kumpanija Aviation Cosmetics Malta Limited ġiet debitament notifikata bir-rikors maħluf fis-16 ta' Frar, 2015, filwaqt li Tom Jansen u Aviation Cosmetics BV ġew notifikati bir-rikors maħluf *seduta stante* fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2015, fejn flimkien ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fil-15 ta' April, 2015, fejn qajmu eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni fit-termini tal-**Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu fejn saħqu illi l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bil-konsegwenza li għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija fis-7 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċediet il-kawża tal-attur, billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u għaddiet sabiex laqgħat it-talbiet kollha tal-attur *nomine* b'dana illi llikwidat is-somma dovuta lilu fiċ-ċifra ta' €265,620 u ordnat lill-konvenuti

jħallsuh din is-somma bl-imgħax bir-rata ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

*« Konsiderazzjonijiet*

*64. Magħluqa din il-kwistjoni, il-Qorti tista' tgħaddi biex tqis il-mertu tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet, jiġifieri jekk hemmx xi ħlas dovut mill-konvenuti lill-attur nomine għas-servizzi professjonali li wettqilha, u f'każ li hemm, tiddeċiedi dwar kemm għandu jkun dan il-ħlas;*

*65. Minn qari tal-atti jirriżulta li l-mertu ta' dan il-kawża huwa wieħed ta' natura teknika u għalhekk fiż-żgur ma setax jiġi deċiż minn din il-Qorti mingħajr l-għajnuna ta' persuna teknika, bħal ma huwa perit. Kien għalhekk li f'dan il-każ hija ħatret lill-perit Alan Saliba, u aktar tard minfloku lill-perit Marielouise Caruana Galea, bħala espert tekniku. Bil-ħatra ta' dawn l-esperti, il-Qorti żgurat li tinġieb il-prova meħtieġa biex tasal għad-deċiżjoni tagħha;*

*66. Issa fil-każ tagħna, l-attur nomine ma jaqbilx għalkollox mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-esperta ġudizzjarja u fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa jisħaq li huwa għandu jirċievi ħlas li huwa akbar mill-ammont totali tat-tliet fatturi maħruġa minnu. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti ma jaqblu kważi f'xejn mar-rapport magħmul mill-esperta ġudizzjarja. Kemm hu hekk, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom, il-konvenuti għamlu referenza għall-**Artikolu 681 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha;*

*67. Dan huwa minnu, iżda l-perizja teknika fiha nnifisha għandha piż probatorju li ma jistax jiġi skartat faċilment. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti trid tkun waħda infurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju l-opinjoni teknika li tkun ġiet mressqa quddiemha mill-esperti mqabbda minnha;*

*68. F'dan il-każ, la l-attur nomine u lanqas il-konvenuti ma ressqu talba biex jinħatru esperti addizzjonali;*

*69. Huwa magħruf fil-ġurisprudenza li min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-Qorti għandu r-rimedju li jitlob il-ħatra ta' esperti ġudizzjarji addizzjonali. Min ma jagħmilx użu minn dan il-mezz legali sabiex iwaqqa' r-rapport tal-esperti tal-Qorti ma jistax jiġi wara u jippretendi li l-Qorti għandha twarrab dak ir-rapport għar-raġuni biss li*

*parti ma tkunx qiegħda taqbel miegħu. Dan jgħodd aktar u aktar fejn dak ir-rapport ikun wieħed ta' natura teknika (ara* ***Felix Mifsud et v. Tonio Cuschieri et****, Appell Superjuri, 16 ta' Diċembru, 2019;* ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno****, Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2021;* ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut****, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2021; u* ***David Brincat v. Francis Sammut et****, Appell Superjuri, 17 ta' Frar, 2022);*

*70. Il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida għaliex hija għandha twarrab il-perizja teknika. Ma jidhirx li l-partijiet b'xi mod irnexxielhom jattakkaw b'konsistenza l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-esperta ġudizzjarja. Anzi, il-Qorti jidhrilha li fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet li l-partijiet għamlu lill-perit fl-eskussjoni, din tal-aħħar kompliet isaħħaħ il-fehmiet tagħha. Terġa' u tgħid, il-Qorti jirriżultalha wkoll illi fil-każ tal-attur nomine, kien huwa stess li qabel mar-rapport tal-esperta ġudizzjarja safejn dan kien jaqbel lilu;*

*71. Huwa rifless fil-ġurisprudenza li meta kawża tkun tmiss ma' aspett purament tekniku u l-Qorti tkun tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet tal-espert tekniku mqabbad minnha jkunu raġonevoli u msejsa fuq dak li jkun irriżulta mill-provi kollha, inklużi l-affidavits u x-xhieda viva voce, hija kważi dejjem għandha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-perit (ara* ***Emanuel Attard v. George Tedesco et****, Appell Superjuri, 1 ta' Ġunju, 2007). Wara kollox, il-konklużjonijiet tal-espert li ġiet maħtura mill-Qorti f'din il-kawża jidhru li huma msejsa fuq eżami mirqum tal-provi tekniċi li l-istess espert ntalbet tistħarreġ, wara li hija ħadet qies ta' dak li kellhom xi jgħidu ż-żewġ partijiet u siltet minnhom dik il-verżjoni li wieħed jista' raġonevolment l-aktar jistrieħ fuqha. Għalhekk il-Qorti sejra tagħmel tagħha l-fehmiet tal-esperta ġudizzjarja mqabbda minnha;*

*72. L-esperta ġudizzjarja kkunsidrat li hekk kif jiġri f'sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn persuna tkun qiegħda tfittex li tqabbad is-servizzi professjonali ta' perit, il-partijiet f'din il-kawża daħlu fi ftehim bejniethom li jagħti deskrizzjoni tas-servizzi li kellhom jiġu mwettqa mill-attur nomine u tal-miżati li kellhom jitħallsu għal dawn is-servizzi. Skont l-esperta ġudizzjarja, l-ebda klawsola jew miżata li hemm imniżżla fil-ftehim ma titbiegħed minn dak li hemm imniżżel fit-****Tariffa K misjuba fl-iSkeda A għall-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, li tirregola d-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-periti. Dan il-ftehim, li ġie ffirmat minn Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012, qatt ma ġie kkontestat jew rivedut;*

*73. Mal-kummissjoni ta' dawn is-servizzi, il-konvenuti għaddew lid-ditta attriċi d-disinjii u l-informazzjoni li kellhom dwar il-proġett. Fil-fehma tal-esperta ġudizzjarja, l-informazzjoni li ġiet mgħoddija mill-konvenuti kienet waħda estensiva u għamlet il-ħajja tad-ditta attriċi*

*ferm aktar faċli għaliex il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' tħejjija kien diġà lest. Madankollu, skont l-istess esperta ġudizzjarja dawn id-disinji ma kinux disinji finali li setgħu jiġu ppreżentati f'applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar, għall-applikazzjoni tal-ambjent u li setgħu jintużaw f'sejħa, u għalhekk kellhom isiru numru ta' emendi b'konsultazzjoni ma' numru ta' awtoritajiet Maltin;*

*74. Skont l-esperta ġudizzjarja kellhom isiru wkoll verifiki dwar l-istruttura tal-proġett, peress li d-ditta attriċi kienet serja tiċċertifika l-istruttura hija stess u għalhekk kienet sejra tkun responsabbli għaliha taħt il-liġi Maltija. Għalhekk, l-inizjattiva tad-ditta attriċi li tagħmel dawn il-verifiki ma kinitx tikkonsisti f'ripetizzjoni ta' xogħol magħmul minn ħaddieħor iżda kienet meħtieġa minn perit li huwa serju f'xogħlu;*

*75. Fis-17 ta' Novembru, 2013, il-konvenuti temmew il-ftehim li kellhom mad-ditta attriċi. Fil-fehma tal-esperta ġudizzjarja, ma jinsabx ġustifikat l-argument tal-konvenuti li l-fatturi maħruġa mid-ditta attriċi ma tħallsux għaliex dawn ma kinux dettaljati biżżejjed. Filwaqt li bħala klijenti, il-konvenuti kellhom dritt jitolbu li f'kull fattura kellha titniżżel informazzjoni dettaljata dwar is-servizzi li ngħataw, dawn id-dettalji eventwalment ingħataw mid-ditta attriċi f'ittra elettronika mibgħuta lil Tom Jansen fl-10 ta' Diċembru, 2012 (ara paġna 787 tal-atti tal-kawża). Madankollu, il-konvenuti baqgħu ma ħallsux;*

*76. L-argument tal-konvenuti li d-ditta attriċi kellha titħallas skont is-sigħat ta' xogħol li ġew imwettqa lilhom mhuwiex wieħed siewi għaliex il-ftehim li ġie ffirmat minn Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012 ma jsemmi xejn dwar ħlasijiet ibbażati fuq sigħat ta' ħidma iżda jelenka l-persentaġġi tal-miżati li għandhom jitħallsu lid-ditta attriċi għal kull tip ta' servizz li hija kellha tagħti lill-konvenuti. Il-Qorti taqbel mal-esperta mqabbda minnha fejn fir-rapport tagħha hija tgħid li Tom Jansen m'għamilx sewwa meta, għalkemm ma kienx jaqbel għalkollox ma' dawn il-miżati, qabad u ffirma l-ftehim inkwistjoni b'rasu mistrieħa li dan ma kien isemmi xejn dwar l-istima tal-bini tal-proġett. Huwa jmissu rrifjuta li jiffirma l-ftehim jekk ma kienx jaqbel miegħu jew kien imissu pprova jinnegozja l-miżati mad-ditta attriċi biex din tikkunsidra tnaqqashom;*

*77. Għalkemm il-konvenuti jargumentaw mod ieħor, mhumiex minnu li dawn ma kellhomx stima tal-proġett għaliex skont Tom Jansen, dan kellu jiswihom bejn 10 u 12-il miljun ewro. Fil-fatt, eventwalment, il-proġett ġie jiswihom 15.3 miljun ewro. Fuq kollox, f'sitwazzjoni bħal din huwa l-klijent li jrid minn qabel jiffissa l-istima tal-proġett skont il-but tiegħu (ara f'dan is-sens* ***Architecture Project v. Awtorità tad-Djar et****, Appell Superjuri, 4 ta' Mejju, 2022);*

*78. Issa skont il-****paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa K****, jekk perit ikun ġie*

*abbandunat mill-klijent tiegħu, id-dritt tiegħu għandu jammonta għal żewġ terzi tad-dritt speċifikat fil-paragrafu 10 tal-istess Tariffa (f'dan il-każ 2/3 ta' 6% imsemmija fil-ftehim iffirmat minn Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012) jekk il-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, għamel stima approssimattiva tal-ispiża, issottometta applikazzjonijiet għal liċenzi għall-bini u/jew liċenzi oħra, u ħejja disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol;*

*79. Skont l-esperta ġudizzjarja, dment li d-ditta attriċi kienet involuta fil-proġett tal-konvenuti, hija rnexxielha twettqilhom numru ta' servizzi li ġew miġbura fit-Tabella numru 1 tar-rapport tagħha (ara paġni 1314 u 1315 tal-atti tal-kawża). Din it-tabella għenitha biex tasal għall-konklużjoni dwar jekk id-ditta attriċi wettqitx biżżejjed servizzi sabiex hija tkun tista' titħallas żewġ terzi tad-drittijiet professjonali msemmija;*

*80. L-esperta ġudizzjarja sabet li għalkemm id-disinji u l-applikazzjonijiet tal-ippjanar kienu ġew sottomessi u sar ix-xogħol kollu li għandu x'jaqsam magħhom, id-disinji tax-xogħlijiet baqgħu ma sarux. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċifikazzjonijiet, 25% minnhom biss kienu twettqu mid-ditta attriċi;*

*81. Hija qieset li it-Tariffa K issemmi biss 2/3 tal-miżati misjuba fil-paragrafu 10 tagħha, li jitkellem dwar disinji u fabbrikazzjoni ta' bini. Is-6% tal-ispiża msemmija f'dan il-paragrafu ma tagħmilx referenza għal servizzi ta' inġinerija strutturali speċjalizzata jew dwar tmexxija ta' proġett. B'hekk, dawn is-servizzi kellhom jitħallsu apparti bir-rati ta' 4% u 3.5% rispettivament, skont il-ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet;*

*82. Skont l-esperta ġudizzjarja, is-servizzi ta' inġinerija strutturali speċjalizzata li twettqu mid-ditta attriċi kienu limitati biss għal kalkoli u mhux disinji. B'hekk fil-fehma tagħha il-ħlas sħiħ ta' 4% għal dawn is-servizzi mhux wieħed għalkollox ġustifikat u seta' jintalab biss parti minnu. Hekk ukoll, is-servizz tat-tmexxija tal-proġett kien limitat biss għal żewġ laqgħat li saru fl-14 ta' Ġunju, 2012 u fl-20 ta' Lulju, 2012. Skont l-esperta ġudizzjarja, il-ħidma id f'id mal-awtoritajiet Maltin ma taqax fit-tifsira ta' tmexxija ta' proġett iżda hija pass importanti biex il-perit jifhem il-proġett u jikkoordina ma' terzi sabiex id-disinn tal-proġett jirnexxi minn kull aspett. Għalhekk, hija waslet għall-konklużjoni li l-miżata ta' 3.5% għat-tmexxija tal-proġett mhijiex ġustifikata;*

*83. B'hekk, meqjus dan kollu, skont l-esperta ġudizzjarja x-xogħol li twettaq mid-ditta attriċi mhuwiex biżżejjed biex hija titħallas 2/3 tad-drittijiet li setgħu kienu dovuti lilha, li kieku hija ma ġietx abbandunata mill-klijenti tagħha, hekk kif hemm maħsub fil-**paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa K**. Madankollu, fil-fehma tal-esperta ġudizzjarja, is-servizzi li wettqet id-ditta attriċi lill-konvenuti jissodisfaw il-**paragrafu 11(1)(a)***

***tat-Tariffa K** li jgħid li jekk proġett imsemmi fil-**paragrafu 10 ta' din it-Tariffa** jew parti minnu jkun ġie abbandunat jew jekk il-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent, wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ħejja l-iskizz tad-disinji preliminari biżżejjed biex juru l-interpretazzjoni tal-perit dwar l-istruzzjonijiet tal-klijent u wara li jkun għamel stima approssimattiva tal-prezz tal-proġett, id-dritt għandu jammonta għal terz (1/3) tad-drittijiet speċifikati fil-paragrafu 10;*

*84. Skont l-esperta ġudizzjarja, teoretikament, il-miżati li huma dovuti lid-ditta attriċi jaqgħu x'imkien bejn ir-regola taż-żewġ terzi misjuba fil-**paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa K** u bejn ir-regola tat-terz misjuba fil-**paragrafu 11(1)(a) tal-istess Tariffa**;*

*85. L-esperta ġudizzjarja rrimarkat ukoll li t-Tariffa K ma ssemmi xejn dwar l-ispiża totali tal-proġett iżda titkellem dwar l-ispiża tax-xogħol tal-bini. F'dan il-każ nafu biss l-ispiża totali tal-proġett, li hija dik ta' 15.3 miljun ewro, għaliex l-ispiża tax-xogħol tal-bini qatt ma ssemmiet matul il-proċeduri. Issa, jekk wieħed kellu japplika r-rata ta' 6% li hemm imsemmija fil-ftehim għall-ispiża totali tal-proġett, l-ammont li jirriżulta huwa dak ta' €918,000. Jekk wieħed japplika r-rata ta' terz għal din is-somma jirriżulta l-ammont ta' €306,000, filwaqt li jekk wieħed japplika r-rata ta' żewġ terzi jirriżulta l-ammont ta' €612,000;*

*86. B'hekk l-esperta ġudizzjarja waslet għall-konklużjoni li l-ammont ta' €265,620 li ntalab fil-fatturi mill-ditta attriċi huwa wieħed xieraq u raġonevoli meta wieħed iqis li l-kalkoli hawn fuq magħmula ġew maħduma fuq l-ispiża totali tal-proġett u mhux fuq l-ispiża tax-xogħol tal-bini. Għalhekk, hija llikwidat dan l-ammont bħala s-somma li hija dovuta mill-konvenuti lid-ditta attriċi;*

*87. Kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex hija m'għandhiex toqgħod fuq l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-esperta ġudizzjarja u għalhekk hija serja tilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine u tordna lill-konvenuti jħallsuh is-somma ta' €265,620 għas-servizzi professjonali li huwa wettqilha;*

*88. Fl-aħħar nett, dwar it-talba tal-attur nomine biex jitħallas l-imgħax skont il-liġi, il-qQorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk ir-relazzjoni li kienet teżisti bejn il-partijiet kinitx waħda ta' għamla kummerċjali;*

*89. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li mhux kull min ikun involut f'attività ekonomika jista' jitqies bħala kummerċjant għall-għanijiet tal-**Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Biex wieħed ikun kummerċjant il-liġi trid li huwa jagħmel, bi professjoni, u b'ismu, atti ta' kummerċ (ara **Carmelo Cutajar v.***

***Salvatore Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' Mejju, 1947). Kif jikteb il-Professur J. A. Micallef, f'paġna 32 tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kummerċjali,*

> *«In order, therefore that a person may be regarded as a trader, he must devote his services to trade in such a way that it becomes his normal and permanent, though not necessarily his only or his principal occupation.»*

*90. Hekk pereżempju servizzi mogħtija minn professjonisti liberali, bħal ngħidu aħna servizzi ta' periti, skarpani u mastrudaxxi, ġeneralment ma jistgħux jitqiesu bħala atti tal-kummerċ. Ir-raġuni hi li kuntratti ta' locatio operis (ara **Giuseppe Muscat et v. Joyce Frendo**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 1955) ma jitqisux bħala atti tal-kummerċ iżda jitqiesu bħala atti ċivili. Kemm hu hekk, il-kuntratt ta' kiri ta' xogħol jinsab regolat fil-Kodiċi Ċivili u mhux fil-Kodiċi tal-Kummerċ. Kuntratti mwettqa minn professjonisti liberali jibqgħu dejjem ta' karattru ċivili sakemm il-flus li huma jieħdu ma jiġux investiti f'negozju li jkollu l-karatteristiċi ta' impriża (ara **Giuseppe Mizzi v. George Xuereb**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 1964);*

*91. Fil-każ tagħna s-servizzi mogħtija mill-attur nomine huma dawk ta' perit u għalhekk dawn jieħdu sura ċivili u mhux waħda kummerċjali. Tidħol għalhekk ir-regola msemmija fl-**Artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni;*

*92. Fil-każ tagħna ma jirriżultax li saret ittra uffiċjali qabel saret din il-kawża, għalhekk huwa r-rikors maħluf li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**Artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Madankollu nsibu miżmum fil-ġurisprudenza, li bħala regola, l-imgħaxijiet mhumiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-dejn jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tiegħu mill-Qorti (ara **Innocent Farruġia et v. Godwin Duca et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020);*

*93. Darba li l-attur nomine ma talabx li jitħallas ammont speċifiku fir-rikors maħluf tiegħu, fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' in illiquidis non fit mora, din il-Qorti sejra tkun qiegħda tordna lill-konvenuti jħallsuh l-imgħax bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €265,620, liema mgħax għandu jibda miexi mid-data ta' din is-sentenza;*

*Deċiżjoni*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda*

*taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

> *i. Tiċħad l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom sabiex jiġi dikjarat li Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. mhumiex kontraditturi leġittimi għat-talbiet imressqa mill-attur nomine;*
>
> *ii. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex l-azzjoni tal-attur nomine mhijiex preskritta skont l-**Artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;*
>
> *iii. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fid-dawl tas-sejbiet li għamlet l-esperta ġudizzjarja maħtura minn din il-Qorti, u għall-istess raġuni tilqa' l-ewwel talba tal-attur nomine u tiddikjara li l-konvenuti għandhom iħallsuh għas-servizzi professjonali li wettqilhom;*
>
> *iv. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur nomine billi tillikwida l-ammont dovut lilu fis-somma ta' €265,620 u b'hekk tordna lill-konvenuti jħallsuh din is-somma, bl-imgħax bir-rata ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv;*
>
> *Fl-aħħar nett, peress li l-konvenuti huma l-parti telliefa f'din il-kawża, il-qorti qiegħda tordna li dawn għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża.»*

6. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fis-6 ta' Diċembru, 2022, fejn l-aggravji huma tnejn (2) u ċjoè li: (i) l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta straħet għal kollox fuq ir-rapport tal-perit tekniku, b'mod partikolari rigward il-fatturi maħruġa mid-ditta attriċi u s-somma likwidata abbażi l-imsemmija fatturi, u (ii) il-kap tal-ispejjeż. Għalhekk, il-konvenuti talbu sabiex:

*«a. Tikkonferma li l-attur appellat għandu jitħallas għas-servizzi professjonali tiegħu versu l-esponenti, iżda mhux l-ammont ikkontestat fis-sentenza ta' €265,620 liema ammont għandu jkun rivedut u ridott biex verament jirrifletti limitatament dak ix-xogħol li twettaq mill-attur appellat;*

*b. Tirriforma l-kap tal-ispejjeż biex ikun aktar ġust u ekwu fiċ-irkostanzi*

*billi l-ispejjeż jinqasmu b'nofs b'nofs bejn il-partijiet sia tal-Ewwel Istanza u sia ta' dawn il-proċeduri;*

*c. F'kull każ, tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.»*

7. L-attur *nomine* appellat ġie debitament notifkat bir-rikors tal-appell fit-8 ta' Frar, 2023, u wieġeb għalih b'risposta datata 9 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-konvenuti fir-rikors tal-appell tagħhom, iżda flimkien mar-risposta, l-attur *nomine* ppreżenta appell inċidentali b'żewġ (2) aggravji, ċjoè: (i) l-ammont likwidat għad-drittijiet professjonali tiegħu ma kienx ġust, wisq anqas jirrifletti l-kwantità u n-natura tax-xogħol li sar, kif ukoll il-ftehim iffirmat mill-partijiet, u (ii) l-imgħax legali fuq l-ammont likwidat ma għandux jitħallas mid-data tas-sentenza.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. L-Ewwel Qorti rat illi din hija kawża fejn l-attur *nomine* qiegħed jippretendi li jitħallas għas-servizzi professjonali tiegħu bħala perit u inġinier ċivili li huwa wettaq lill-konvenuti. Fir-rikors maħluf tiegħu, huwa

ma jsemmix ammont speċifiku li fil-fehma tiegħu huwa dovut lid-ditta attriċi mill-konvenuti, iżda jħalli f'idejn il-Qorti biex tillikwida d-drittijiet professjonali li jistgħu jkunu dovuti għas-servizzi mwettqa minnu. Madankollu mill-atti rriżulta lill-Ewwel Qorti illi l-attur *nomine* qiegħed jippretendi li jitħallas aktar mit-total ta' €265,620 li huwa ħareġ bħala kontijiet. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti ma jaqblux mat-talbiet tal-attur.

**L-Appell tal-Konvenuti:**

10. B'rikors ippreżentat fis-6 ta' Diċembru, 2022, il-konvenuti appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Minn qari akkurat tal-imsemmi rikors, jirriżulta li l-aggravji huma tnejn (2), u dan kif ġie spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

11. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, il-konvenuti appellanti jtennu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta straħet għal kollox fuq ir-rapport tal-perit tekniku, b'mod partikolari rigward il-fatturi maħruġa mid-ditta attriċi u s-somma likwidata abbażi l-imsemmija fatturi, peress li fil-fehma tal-konvenuti s-somma likwidata ma hijiex ġusta iżda għandha tkun anqas, u dan fid-dawl: (i) tal-fattispeċji tal-każ odjern u l-provi mressqa, kif ukoll, (ii) li l-attur *nomine* ma kkwantifikax somma pretiża minnu fir-rikors maħluf tiegħu.

12. Din il-Qorti tibda sabiex ittenni illi l-konvenuti appellanti jammettu illi dan il-każ huwa relattivament kumpless u purament tekniku, tant illi jaqblu li l-Ewwel Qorti kellha bżonn l-għajnuna ta' perit tekniku, liema perit kellha sfida kbira quddiemha sabiex tanalizza il-provi kollha mressqa. Għalhekk, in kwantu għal dan l-aggravju, din il-Qorti jirriżultalha illi *in funditus* dan l-aggravju huwa kritika tar-rapport tal-perit tekniku.

13. Mill-atti jirriżulta illli:

i. Fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2015, l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi f'din il-kawża hu meħtieġ li jiġi maħtur perit tekniku, b'hekk ġie maħtur il-perit Alan Saliba fejn ġew mogħtija lilu s-setgħat kollha skont il-liġi sabiex jaqdi l-funzjoni tiegħu (*a fol.* 34);

ii. Permezz ta' rikors tal-perit tekniku Alan Saliba datat 3 ta' Ottubru, 2017, dan talab lill-Ewwel Qorti sabiex jiġi sostitwit fl-inkarigu tiegħu peress li fil-mori tal-kawża huwa ġie ngaġġjat f'kariga pubblika li tippreklludih milli jkompli bl-inkarigu ta' perit tekniku (*a fol.* 1217);

iii. Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017, l-Ewwel Qorti obbligat lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota konġunta bil-proposti tagħhom dwar min

għandu jinħatar bħala perit tekniku minflok il-perit Alan Saliba (*a fol.* 1218);

iv. Fl-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018, wara li l-Qorti rat **Artikolu 230 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hija rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2015, u għaddiet sabiex ħatret lill-Perit Marie Louise Caruana Galea bħala perit tekniku flok il-Perit Alan Saliba bl-istess inkarigu u fakultajiet (*a fol.* 1224);

v. Ir-rapport tal-perit tekniku Marie Louise Caruana Galea ġie debitament maħluf u ppreżentat fis-26 ta' Ottubru, 2021 (*a fol.* 1300);

vi. Permezz ta' nota datata 3 ta' Novembru, 2021, il-konvenut informa lill-Ewwel Qorti li għandu l-intenzjoni li jeskuti r-rapport tal-perit tekniku (*a fol.* 1452);

vii. Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2021, l-Ewwel Qorti tat lill-partijiet il-fakultà li jresqu nota bil-mistoqsijiet in eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku sal-10 ta' Jannar, 2022 (*a fol.* 1455);

viii. Permezz ta' nota datata 17 ta' Jannar, 2022, l-attur *nomine* ppreżenta nota bil-mistoqsijiet in eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku Marie Louise Caruana Galea (*a fol.* 1456);

ix. Permezz ta' nota datata 28 ta' Jannar, 2022, il-perit tekniku wieġbet għall-mistoqsijiet kif imressqa mill-attur *nomine* (*a fol.* 1466);

x. Permezz ta' nota datata 18 ta' Frar, 2022, il-konvenuti ppreżentaw nota bil-mistoqsijiet in eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku Marie Louise Caruana Galea (*a fol.* 1482);

xi. Permezz ta' nota datata 22 ta' April, 2022, il-perit tekniku wieġbet għall-mistoqsijiet kif imressqa mill-konvenuti (*a fol.* 1493).

14. Mill-kronoloġija tal-fatti kif spjegati hawn fuq, din il-Qorti tara illi quddiem l-Ewwel Qorti, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu użu mir-rimedji kollha li tagħtihom il-liġi biex jattakkaw il-konklużjonijiet peritali. Jiġi osservat illi wara li r-rapport tal-perit tekniku ġie maħluf fis-26 ta' Ottubru, 2021 (*a fol.* 1300), l-Ewwel Qorti fit-termini tal-**Artikolu 673 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tat żmien lill-partijiet biex jeżaminaw ir-rapport u jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fuqu, u l-partijiet ippreżentaw in-noti rispettivi tagħhom bil-mistoqsijet in eskussjoni tar-rapport tal-perit

tekniku. Madankollu, din il-Qorti tara li minkejja l-fatt illi l-partijiet eskutew ir-rapport tal-perit tekniku, xorta waħda jirriżulta li l-konvenuti ma ressqux talba għal ħatra ta' periti addizzjonali fit-termini tal-**Artikolu 677 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan minkejja li min-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom jidher ċar li ma kinux qegħdin jaqblu mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku b'mod partikolari mal-likwidazzjoni tas-somma dovuta lill-attur *nomine*.

15. Din il-Qorti ttenni illi huwa minnu illi bis-saħħa tal-**Artikolu 681 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-Ewwel Qorti għandha l-fakultà illi ma taċċettax il-konklużjoni tal-periti tekniċi kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, u dan irrispettivament mill-fatt jekk saritx ħatra ta' periti addizzjonali.[1] Madankollu, sabiex l-Ewwel Qorti tasal ma taċċettax il-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit, dan ma jistax isir b'mod leġġer jew kappriċċjuż, anzi jingħad illi jekk il-Qorti jkollha konvinzjoni kuntrarja din għandha tkun mgħarrfa tajjeb biżżejjed u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet tal-aspett

[1] **Nathalie Bartolo v. Id-Dentist Dr Jeffrey Pullicino Orlando et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 – liema sentenza f'dan ir-rigward tagħmel referenza għas-segwenti sentenzi: **Constantino Gauci v. Annunziata Scerri et** (Appell, 15/05/1967, Kollez. Vol: LI.i.263); **Giswarda Bugeja et v. Emmanuele Muscat et** (Appell, 23/06/1967); **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe** (Appell, 29/05/1998); **AIC Frank Giordimaina Medici vs Pio Camilleri** (PA, 30/10/2003); **Paul Cutajar v. Bugeja Marbles et** (Appell, 10/01/2007).

tekniku tal-materja taħt eżami,[2] jekk le jkun bil-wisq prużuntuż għall-ġudikant li jaġixxi mod ieħor.

16. Dan għandu japplika ukoll b'mod partikolari għal dawk il-kawżi li huma ta' natura purament teknika, bħal dik odjerna, fejn ġie kkonfermat mill-Qrati tagħna li:

> *«f'każi bħal dawn, għalkemm il-Qorti mhiex marbuta illi tistrieħ fuq il-konsiderazzjonijiet u l-konsegwenti konklużjonijiet tal-perit tekniku, meta l-Qorti tkun tal-fehma illi dawn il-konsiderazzjonijiet huma raġjonevoli u bbażati fuq dak li jkun irriżulta mill-provi kollha, inklużi affidavits u deposizzjonijiet viva voce, hija kważi invarjabbilment toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku.»*[3]

Dan il-ħsieb huwa ukoll rifless fis-sentenzi fl-ismijiet ***Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat***,[4] u ***Philip Grima v. Carmelo Mamo***.[5]

17. Illi *multo magis*, dan il-prinċipju għandu jiġi applikat fil-kawża in eżami.

18. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti proċesswali kollha, inkluża x-xhieda mogħtija quddiem il-perit tekniku u d-diversi dokumenti. Magħdud ma' dan jirriżulta illi r-rapport tal-perit tekniku huwa wieħed dettaljat, fejn

---

[2] **Josephine Azzopardi pro et noe et v. Carmelo Borg et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023, fejn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe**, deċiża fid-29 ta' Mejju, 1998.
[3] **Emanuel Attard v. George Tedesco et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ġunju, 2007.
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, [1967], Vol.LI.I. 390.
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fid-29 Mejju, 1998.

ġew ikkunsidrati tliet (3) kwistjonijiet kruċjali: (i) *«Letter of Engagement & Tariff K»*, (ii) *«Work prior to Letter of Engagement prepared by others and handed over to DXA and work produced by DXA after Letter of Engagement»,* u (iii) *«Analysis of the professional deliverables by DXA on the hanger structure and ancillary facilities at Safi Aviation Park»*. Wara, il-perit tekniku daħlet ukoll fil-kwistjoni tad-drittijiet professjonali dovuti lill-attur *nomine*, fejn f'din it-taqsima, il-perit tekniku għamlet referenza: (i) għat-tliet fatturi mibgħuta mill-attur *nomine* datati l-15 ta' Ġunju, 2012, l-10 ta' Lulju, 2012, u l-15 ta' Settembru, 2012, li flimkien jammontaw għas-somma ta' €265,620, u (ii) il-parir mogħti mill-Kamra tal-Periti dwar il-ħlas dovut lill-attur *nomine* għal parti mix-xogħol imwettaq minnu qabel mal-konvenuti temmew il-ftehim ta' bejniethom, fejn din saħqet illi

> *«the Kamra believes that reference to Sub-Article 1b of Article 11, (…), allows it to strongly support the principles that a significant proportion of the fees quoted in the Tariff, and referred to in the Agreement, are due to the Perit, particularly when Client uni-laterally abandons project, (…). In this particular case, Perit David Xuereb was not asking for 2/3 of te agreed fees, as indicated in the Tariff, but for payment which covered the services which <u>had already been delivered at the time of the abandonment</u>.»*

19. Il-perit tekniku għaddiet biex ħadet in konsiderazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-attur *nomine* fuq medda ta' tlettax-il (13) xahar u kif ukoll ta' dak li tistipula **Tariffa K fl-Ewwel Skeda fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, bl-iskop aħħari:

> *«to determine whether DXA (David Xuereb Architects) had prepared «sketch designs, made an approximate estimate of the cost submitted applications for the building and/or other and prepared working drawings and specifications» such that the 2/3rds of the professional fees as concluded by KTP can be adopted.»*

Wara li spjegat ix-xogħol imwettaq mill-attur *nomine* f'paragrafi numru 8.09, 8.10 u 8.11, il-perit tekniku waslet għall-konklużjoni f'paragrafu numru 8.13 illi:

> *«the fees requested by DXA do not satisfy the 2/3rds rule stipulated by Tariff K Article 11 sub-article (1b)»,*

b'dan li għamlet referenza għall-Artikolu 11 sub-inċiż 1(a), u saħqet illi:

> *«theoretically the plaintiff's fees should fall within the range of the 1/3rd rule quoted in Article 11 sub-article (1a) and 2/3rd rule quoted in Article 11 sub-article (1b) whilst also taking into consideration the 'specialized structural engineering services' carried out by DXA which were limited to calcuations only.»*,

b'dan illi skont il-perit tekniku dan għandu jservi biss bħala gwida.

20. Għalhekk, wara li ttieħed in konsiderazzjoni: (i) ix-xogħol imwettaq mill-attur *nomine*, (ii) l-ispiża totali tal-proġett skont il-konvenut Ton Jansen u ċjoè s-somma ta' €15.3 miljun, u (iii) il-kwoti ndikati **f'Artikolu 11 sub-inċiż 1(a) u (b)**, il-perit tekniku kienet tal-opinjoni illi s-somma ta' €265,620 kif indikata fil-fatturi tal-attur *nomine* hija ġusta, b'dana illi din l-istess somma għandha tiġi mħallsa lill-attur *nomine* mill-konvenuti. L-

Ewwel Qorti ma rat l-ebda raġuni għaliex ma kellhiex toqgħod fuq l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-esperta ġudizzjarja.

21. Fid-dawl tal-premess u kif ukoll tal-fatt illi l-konvenuti appellanti naqsu milli jitolbu li ssir perizja addizzjonali, din il-Qorti tara li ma hemm xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li din straħet fuq il-perizja in atti, inkluż fir-rigward tas-somma likwidata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rapport u l-konklużjonijiet tal-perit tekniku huma raġjonevoli u bbażati fuq dak li rriżultalha mill-provi. Għalhekk, u bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku.

22. Fir-rigward tat-tieni aggravju u għal dak li jikkonċerna l-ispejjeż tal-kawża, din il-Qorti tara illi fit-termini tal-**Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u bħala regola ġenerali, it-tellief ta' kawża għandu jkun ikkundannat iħallas l-ispejjeż. Fil-każ odjern, din il-Qorti tara illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni rigward l-eċċezzjonijiet preliminari kif imqajma mill-konvenuti (ġaladarba dawn ma ġewx appellati mill-konvenuti fir-rikors ta' appell tagħhom), u kif ukoll li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta straħet fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku inkluż is-somma kif likwidata, bil-konsegwenza li t-talbiet tal-attur *nomine* kellhom jiġu milqugħa interament. Għalhekk, ir-raġuni vvantata mill-konvenuti appellanti fir-

rikors tal-appell, ċjoè *«l-kontribut estensiv mil-lat tekniku b'disinji u pjanti da parti l-konvenuti appellant»*, ma hijiex valida sabiex tassenja l-ispejjeż tal-kawża b'mod differenti minn kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

**L-Appell Inċidentali tal-Attur *nomine***

23. Permezz tar-risposta għall-appell datata 9 ta' Marzu, 2023, l-attur *nomine* pprevalixxa ruħu mid-dritt li jippreżenta appell inċidentali, fejn qajjem żewġ (2) aggravji.

24. Fir-rigward tal-ewwel aggravju mqanqal mill-attur *nomine*, din il-Qorti tara li bħall-konvenuti, l-attur jilmenta mis-somma kif likwidata mill-perit tekniku u addottata mill-Ewwel Qorti, peress li fil-fehma tiegħu tali somma hija wisq baxxa, ma hijiex ġusta, ma tirriflettix il-kwantità kif ukoll in-natura tax-xogħol li sar mill-attur sat-tmiem tal-ftehim, u lanqas ma tirrifletti l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. L-attur *nomine* jilmenta li l-perit tekniku ma ħaditx konsiderazzjoni tax-xogħol ulterjuri li sar wara li nħarġet l-aħħar fattura fil-15 ta' Settembru, 2012, sat-tmiem tal-ftehim fl-2013, kif ukoll li l-ħlas kellu jkun determinat minn persentaġġ fuq il-valur tal-proġett għal kull servizz provdut. L-attur *nomine* jippretendi li s-somma likwidata kellha tkun minn tal-inqas €480,000, ċjoè l-aktar ċifra konservattiva, jew

inkella dik ta' €663,255 li tinkludi ż-żidiet kollha kif imniżżla fil-ftehim ta' bejn il-partijiet.

25. Fid-dawl tal-fatt illi l-attur *nomine* fl-appell inċidentali jgħid illi *«sabiex waslet għal-likwidazzjoni tad-drittijiet professjonali fis-somma ta' €265,620, il-Qorti straħet fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku inkarigat minnha.»*, din il-Qorti tifhem illi dan l-aggravju huwa simili għall-ewwel aggravju mqanqal mill-konvenuti fl-appell tagħhom, ċjoè illi huwa kritika tar-rapport tal-perit tekniku, bid-differenza li l-attur irid li s-somma likwidata tiġi awmentata.

26. Għalhekk, din il-Qorti tara li l-konsiderazzjonijiet tagħha għall-ewwel aggravju tal-konvenuti għandhom japplikaw ukoll għal dan l-aggravju, fis-sens illi minkejja li l-attur *nomine* ressaq nota bil-mistoqsijiet in eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku, kif ukoll lissen in-nuqqas ta' qbil mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku rigward is-somma likwidata fin-nota ta' sottomissjonijiet, jibqa' l-fatt illi bħall-konvenuti, l-attur *nomine* ukoll naqas milli jitlob li ssir perizja addizzjonali u dan minkejja l-fatt li kien kristallizzat li ma kienx qiegħed jaqbel mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku.

27. Din il-Qorti tirrepeti illi ma tarax li hemm x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li din straħet fuq il-perizja in atti, inkluż fir-rigward tas-

somma likwidata, u bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku.

28. Fir-rigward tat-tieni aggravju, rigward il-kalkolu tal-imgħax, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi dan għandu jibda japplika mid-data tas-sentenza, filwaqt li l-attur *nomine* jilmenta illi:

> *«minkejja li t-talba tal-attur nomine saret għal somma da liquidarsi, jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti fiċ-ċifra ta' €265,620, mela allura għandha tintlaqa' wkoll t-talba għall-ħlas tal-interessi mid-data ta' kull fattura (stante li dan huwa dejn kummerċjali) jew, fl-agħar ipoteżi, mid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf. Dan għaliex l-ammont speċifiku ta' €265,620 kien ġja ben determinabbli minn korrispondenza mibgħuta qabel infetħet il-kawża, liema korrispondenza hija saħansitra annessa mar-rikors maħluf.»*

29. Relevanti għall-materja in eżami huma l-**Artikoli 1139 u 1141 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

30. **Artikolu 1139** jipprovdi li:

> *«Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħatha meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.»*

Dan il-provvediment tal-liġi jirrifletti l-massima Rumana *«in illiquidis non fit mora».* Meta l-provvediment tal-liġi jitkellem dwar *«obbligazzjoni»*, il-leġislatur ried li l-kontestazzjoni tkun waħda limitata għal somma rappreżentanti kreditu sempliċi. Dan ifisser li l-imgħax jiddekorri minn

meta l-ammont dovut ikun ġie likwidat, għaliex l-imgħax għandu jgħaddi biss minn meta l-ammont huwa wieħed ċert, likwidu u skadut u mhux minn fuq xi somma li tkun għad trid tiġi likwidata, jew fejn l-ammont mitlub jirriżulta li mhux kollu dovut. Dana peress li jekk l-ammont ma jkunx likwidu, id-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u b'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni, id-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit *in mora*. Hekk fis-sentenza ***Salvatore Camilleri noe v. Candida Dimech et***, deċiża fid-9 ta' April, 1877 (Kollez. Vol.VIII.145), ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili illi:

> *«...il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione... »*

Hekk ukoll f'dik fl-ismijiet ***Negoziante Vincenzo Strati v. Tito Boselli noe***, deċiża fit-18 ta' Ottubru, 1909 (Kollez. Vol.XX.I.308), il-Qorti Kummerċjali rriteniet illi:

> *«I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione.»*

Fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Grech et v. Onor. Prof. AIC John Gatt noe***, deċiża fl-24 ta' Ottubru, 1941 (Kollezs. Vol. XXXI.I.84), din il-Qorti wkoll iddeċidiet illi:

> *«...meta s-somma ma tkunx likwidata l-imgħax jibda jiddekorri mill-ġurnata tal-likwidazzjoni.»*

31. Huwa minnu li dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut. Għalhekk inħolqu l-eċċezzjonijiet għar-regola *in illiquidis*, sabiex il-kreditur ma jiġix ippenalizzat minħabba dewmien ta' proċeduri ġudizzjarji, speċjalment meta l-ammont seta' jiġi faċilment determinat fi stadju bikri tal-proċeduri (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Perit John M. Gambina v. Fithome Limited***, deċiża minn din il-Qorti, fis-6 ta' Mejju, 2011). Madankollu, il-massima ma tapplikax meta d-debitur ikun jaf sew x'inhu l-ammont dovut jew meta d-debitu jkun wieħed ta' faċli likwidazzjoni, jew fejn il-kontestazzjoni tkun saħansitra waħda frivola.

32. **Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili** jkompli hekk:

> *« (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso iure, limgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.»*

33. Dan ifisser illi l-imgħaxijiet fuq dejn kummerċjali jibdew jgħaddu *ipso jure* (**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili**), filwaqt li l-imgħaxijiet fuq dejn ċivili għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju (**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili**).

34. F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti saħqet illi ġaladarba l-attur *nomine* ma talabx li jitħallas ammont speċifiku fir-rikors maħluf tiegħu, bis-saħħa tal-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, l-imgħax ta' 8% fuq l-ammont likwidat għandu jibda jimxi mid-data tas-sentenza.

35. Din il-Qort rat illi għalkemm wieħed jista' jargumenta illi l-attur *nomine* kien kostrett li jibda l-proċeduri odjerni, kif ukoll li kien inutli da parti tal-konvenuti illi fir-risposta maħlufa tagħhom eċċepew illi *«il-pretensjonijiet u t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.»*, u dan fid-dawl tal-fatt illi:

a. Il-konvenuti kienu konsapevoli tal-ammont li kien qed jitlob l-attur *nomine* permezz tal-fatturi tiegħu;

b. Il-konvenuti qatt ma kellhom oġġezzjoni li jħallsu lill-attur *nomine*; u,

c. Il-konvenuti baqgħu jfettqu sabiex ma jħallsux lill-attur *nomine*, fejn minkejja li l-attur pprovda dak kollu li l-konvenuti talbuh sabiex jiġġustifika l-ammont pretiż minnu bħala ħlas għas-servizzi provduti minnu, il-konvenuti baqgħu qatt ma kienu kuntenti bl-ispjegazzjoni reża mill-attur *nomine*,

jibqa' l-fatt li, l-attur *nomine*:

a. Ma talabx li jitħallas ammont speċifiku fir-rikors maħluf tiegħu, iżda t-talbiet attriċi huma *«da liquidarsi»*, u,

b. Permezz tal-appell inċidental tiegħu, l-attur *nomine* jidher illi ma jaqbilx mal-likwidazzjoni tal-Ewwel Qorti li hija bbażata fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku u li taqbel ma' dik is-somma kif mitluba mill-attur *nomine* nnifsu fil-fatturi tiegħu, anzi qed jitlob li din iċ-ċifra tkun miżjuda.

36. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ġaladarba l-attur *nomine* ma huwiex sodisfatt bil-likwidazzjoni tal-Ewwel Qorti, tant li għadu qed jitlob likwidazzjoni oħra bla ma jsemmi ammont, filwaqt li jixhed li sal-lum lanqas hu ma qiegħed jippretendi ammont speċifiku, dan l-aggravju ma huwiex meritat bil-konsegwenza li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat illi l-imgħax bir-rata ta' 8% għandu jibda jimxi mid-data tas-sentenza.

**Deċide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad kemm l-appell imressaq mill-konvenuti, kif ukoll l-appell inċidentali tal-attur *nomine*, filwaqt li tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż marbuta mal-appell tagħha.

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da